Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

P8_TA(2017)0044

Eżekuzzjonijiet fil-Kuwajt u fil-Bahrain

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2017 dwar l-eżekuzzjonijiet fil-Kuwajt u fil-Bahrain (2017/2564(RSP))

(2018/C 252/20)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Bahrain, b'mod partikolari dawk tal-4 ta' Frar 2016 dwar il-każ ta' Mohammed Ramadan ([1]) u tas-7 ta' Lulju 2016 dwar il-Bahrain ([2]), u dik tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar il-piena tal-mewt ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-15 ta' Jannar 2017 tal-kelliem tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) Federica Mogherini dwar l-eżekuzzjonijiet imwettqa fil-Bahrain, u dik tal-25 ta' Jannar 2017 dwar l-eżekuzzjonijiet reċenti fl-Istat tal-Kuwajt,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-10 ta' Ottubru 2015 tal-VP/RGħ Federica Mogherini, f'isem l-UE, u s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, Thorbjørn Jagland, dwar il-Jum Ewropew u Dinji kontra l-Piena tal-Mewt,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-25 ta' Jannar 2017 tar-Rapporteurs Speċjali tan-NU dwar l-Eżekuzzjonijiet Extraġudizzjarji, Sommarji jew Arbitrarji, Agnes Callamard, u dwar it-Tortura u Trattamenti jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti, Nils Melzer, li titlob b'urġenza lill-Gvern tal-Bahrain ma jkomplix għaddej b'eżekuzzjonijiet ġodda, u d-dikjarazzjoni tas-17 ta' Jannar 2017 tal-kelliem tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, Rupert Colville, dwar il-Bahrain,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt, dwar it-Tortura, dwar il-Libertà ta' Espressjoni u dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni l-ġodda tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li għandhom l-għan li jqiegħdu l-protezzjoni u s-sorveljanza tad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-politiki kollha tal-UE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Protokolli 6 u 13 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 1 u 2 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni għall-Istati Għarab tal-Golf (GCC) tal-1988,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-25 Kunsill Konġunt u Laqgħa Ministerjali UE-GCC tat-18 ta' Lulju 2016,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt, b'mod partikolari dik tat-18 ta' Diċembru 2014 u l-iktar waħda reċenti tad-19 ta' Diċembru 2016,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Karta Għarbija tad-Drittijiet tal-Bniedem, li għalihom kollha l-Kuwajt u l-Bahrain huma firmatarji,

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0044.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2016)0315.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2015)0348.

— wara li kkunsidra s-salvagwardji li jiggarantixxu l-protezzjoni tad-drittijiet ta' dawk li jiffaċċjaw il-piena tal-mewt, approvati permezz tar-Riżoluzzjoni 1984/50 tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Mejju 1984,

— wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar it-tielet rapport perjodiku tal-Kuwajt tal-11 ta' Awwissu 2016,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu u t-tieni protokoll fakultattiv tiegħu dwar il-piena tal-mewt, kif ukoll il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet tan-NU tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi u tal-1961 dwar it-Tnaqqis tal-Apolidija,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, skont l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR), iktar minn 160 stat membru tan-NU, li għandhom varjetà ta' ordinamenti ġuridiċi, tradizzjonijiet, kulturi u sfondi reliġjużi, jew abolixxew il-piena tal-mewt jew inkella ma japplikawhiex;

B. billi fil-25 ta' Jannar 2017 l-awtoritajiet tal-Kuwajt wettqu l-eżekuzzjoni ta' seba' persuni, inkluż membru tal-familja rjali: Mohammad Shahed Mohammad Sanwar Hussain, Jakatia Midon Pawa, Amakeel Ooko Mikunin, Nasra Youseff Mohammad al-Anzi, Sayed Radhi Jumaa, Sameer Taha Abdulmajed Abduljaleel u Faisal Abdullah Jaber Al Sabah, li ħafna minnhom instabu ħatja ta' qtil; billi ħamsa mill-priġunieri kienu ċittadini barranin: żewġ Eġizzjani, wieħed Bangladeshi, wieħed Filippin u wieħed Etjopjan, u tlieta minnhom kienu nisa; billi dawn kienu l-ewwel eżekuzzjonijiet li saru fil-pajjiż sa mill-2013, meta l-awtoritajiet Kuwajtin wettqu l-eżekuzzjoni ta' ħames persuni wara moratorju ta' sitt snin;

C. billi ċ-Ċentru tal-Golf għad-Drittijiet tal-Bniedem u organizzazzjonijiet oħra attivi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem iddokumentaw ksur ta' proċess ġust fis-sistema tal-ġustizzja kriminali tal-Kuwajt li għamilha diffiċli għall-imputati li jirċievu proċess ġust; billi l-ħaddiema domestiċi barranin huma partikolarment vulnerabbli minħabba nuqqas ta' protezzjoni soċjali u legali;

D. billi fil-15 ta' Jannar 2017 il-Bahrain wettaq l-eżekuzzjoni ta' Ali Al-Singace, Abbas Al-Samea u Sami Mushaima permezz ta' fuċilazzjoni, u b'hekk temm moratorju ta' sitt snin;

E. billi, skont l-OHCHR, l-eżekuzzjonijiet twettqu bi ksur serju tal-istandards ta' proċess ġust; billi t-tlett irġiel ġew akkużati b'ibbumbardjar f'Manama fl-2014 li qatel diversi persuni, inklużi tliet uffiċjali tal-pulizija; billi, madankollu, it-tliet akkużati ġew allegatament ittorturati biex jagħmlu konfessjonijiet li mbagħad intużaw bħala evidenza primarja għall-kundanni tagħhom; billi dawn tneħħitilhom in-nazzjonalità tagħhom, ġew miċħuda l-aċċess għal avukat u sarulhom eżekuzzjonijiet inqas minn ġimgħa wara l-verdett, mingħajr ma ngħatat ebda informazzjoni minn qabel lill-familji tagħhom u mingħajr ma ngħataw ebda ċans biex japplikaw għal maħfra;

F. billi r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-Eżekuzzjonijiet Extraġudizzjarji, Sommarji jew Arbitrarji ddikjarat dawn l-eżekuzzjonijiet bħala "qtil extraġudizzjarju" fuq il-bażi li t-tlett irġiel ma ngħatawx id-drittijiet għal proċess ġust kif minquxa fl-Artikolu 14 tal-ICCPR;

G. billi l-OHCHR qal li kien "ixxukkjat" bl-eżekuzzjonijiet u li kien hemm "dubji serji" li l-irġiel irċevew proċess ġust;

H. billi żewġt irġiel oħra, Mohammed Ramadan u Hussein Moussa, ukoll qed jiffaċċjaw il-piena tal-mewt fil-Bahrain; billi ż-żewġt irġiel jallegaw li kienu ttorturati biex jikkonfessaw b'mod falz għal delitti kapitali u tista' titwettaq eżekuzzjoni fuqhom f'kull mument;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

I. billi ċ-ċittadin Bahraini-Daniż Abdulhadi al-Khawaja, direttur fundatur taċ-Ċentru tal-Golf għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll Khalil Al Halwachi, għalliem tal-matematika li qabel kien jgħix l-Iżvezja, għadhom il-ħabs minħabba akkużi relatati mal-espressjoni paċifika tal-opinjoni tagħhom;

1. Jiddeplora bil-qawwa d-deċiżjoni tal-Kuwajt u tal-Bahrain li jmorru lura għall-prattika tal-piena kapitali; itenni l-kundanna tiegħu kontra l-użu tal-piena tal-mewt, u jappoġġja bis-sħiħ l-introduzzjoni ta' moratorju fuq il-piena tal-mewt bħala pass favur it-tneħħija tagħha;

2. Jistieden lill-Maestà Tiegħu Sheikh Hamad bin Isa Al Khalifa tal-Bahrain biex ma jipproċedix bl-eżekuzzjonijiet ta' Mohamed Ramadan u ta' Hussein Moosa, u jistieden lill-awtoritajiet Bahrainin jiżguraw proċess mill-ġdid f'konformità mal-istandards internazzjonali; ifakkar li l-allegazzjonijiet kollha ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa matul il-proċedimenti jridu jiġu investigati kif xieraq;

3. Jenfasizza li l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi espressament jipprojbixxu l-piena tal-mewt għal reati mwettqa minn persuni taħt l-età ta' 18-il sena;

4. Jistieden lill-Gvernijiet tal-Kuwajt u tal-Bahrain biex joħorġu stedina immedjata u miftuħa lir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar it-Tortura u Trattamenti jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti ħalli jwettaq żjara fil-pajjiż, u biex jippermettu aċċess bla xkiel għad-detenuti u għall-postijiet kollha ta' detenzjoni;

5. Ifakkar li l-UE topponi l-piena kapitali u tqisha bħala kastig krudili u inuman li jonqos milli jaġixxi bħala deterrent għall-imġiba kriminali u huwa irriversibbli f'każ ta' żball;

6. Jistieden lill-Kuwajt u lill-Bahrain jiffirmaw u jirratifikaw it-Tieni Protokoll Fakultattiv tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi mmirat lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt;

7. Iħeġġeġ lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Istati Membri jkomplu jiġġieldu kontra l-użu tal-piena tal-mewt; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Bahrain u lill-Kuwajt jikkonformaw mal-istandards minimi internazzjonali u jnaqqsu l-kamp ta' applikazzjoni u l-użu tal-piena tal-mewt; iħeġġeġ lis-SEAE biex jibqa' viġilanti fir-rigward tal-iżviluppi f'dawn iż-żewġ pajjiżi u fir-reġjun tal-Golf b'mod ġenerali u biex juża l-mezzi kollha ta' influwenza għad-dispożizzjoni tiegħu;

8. Jafferma mill-ġdid li l-attivitajiet tal-intrapriżi Ewropej li joperaw f'pajjiżi terzi għandhom ikunu kompletament konformi mal-istandards internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; jikkundanna bil-qawwa l-ftehimiet dwar il-kummerċ tal-armi u ta' teknoloġiji użati biex jinkisru d-drittijiet tal-bniedem

9. Iħeġġeġ lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jintervjenu quddiem il-Gvern Bahraini ħalli jappellaw għall-ħelsien ta' Nabeel Rajab u ta' dawk kollha miżmuma unikament fuq il-bażi li eżerċitaw paċifikament il-libertà tagħhom ta' espressjoni u ta' assemblea, u biex iħeġġu lill-Gvern tal-Bahrain iwaqqaf l-użu eċċessiv tal-forza kontra d-dimostranti jew il-prattika tar-revoka arbitrarja taċ-ċittadinanza,

10. Jappella għall-ħelsien ta' Abdulhadi al-Khawija u Khalil Al Halwachi;

11. Jistieden lill-Gvern Bahraini jimplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tal-Bahrain (BICI), l-Eżami Perjodiku Universali u l-Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bnedmin; iħeġġeġ ukoll l-isforzi ta' riforma fil-Kuwajt;

12. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Bahrain ikomplu d-djalogu ta' kunsens nazzjonali bil-għan li tinstab rikonċiljazzjoni nazzjonali dejjiema u inklużiva kif ukoll soluzzjonijiet politiċi sostenibbli għall-kriżi; jinnota li fi proċess politiku sostenibbli, kritika leġittima u paċifika għandha tkun tista' tiġi espressa liberament;

13. Jieħu nota tal-protesti li qed isiru fil-Bahrain biex ifakkru s-sitt anniversarju tar-rewwixta tal-2011; jistieden lill-awtoritajiet tal-Bahrain jiżguraw li l-forzi tas-sigurtà jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet ta' dimostranti paċifiċi u joqogħdu lura mill-użu eċċessiv tal-forza, detenzjonijiet arbitrarji, tortura u atti oħrajn li jiksru d-drittijiet tal-bniedem;

14. Iħeġġeġ id-djalogu u inizjattivi bilaterali u multilaterali bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi tal-Golf inklużi l-Kuwajt u l-Bahrain dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll f'oqsma oħra ta' interess reċiproku; jistieden lis-SEAE u lill-VP/RGħ Federica Mogherini jinsistu dwar l-istabbiliment ta' djalogu formali dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-awtoritajiet tal-Kuwajt u tal-Bahrain, skont il-Linji Gwida tal-UE dwar Djalogi fuq id-Drittijiet tal-Bniedem;

Il-Ħamis 16 ta' Frar 2017

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Renju tal-Bahrain, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Istat tal-Kuwajt u lill-membri tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf.